MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 9/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi huwa kien mzzewweg mal-intimata u miz-zwieg taghhom kien hemm zewgt itfal, x li illum ghalqet 28 sena u v li ghalqet 23 sena;

Illi il-partijiet ilhom separati legalment in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool tat-28 ta’ Awissu 2003, u kopja legali tal-istess tinsab hawn esebita u markata bhala Dok RS1; u l-manteniment imsemmi fl-istess att gie dejjem regolarment ivversat. Illi jikkonkorru l-elementi kollha previsti mil-Ligi ghal pronunzjament ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16;

Illi ir-rikorrenti jixtieq jottjeni id-divorzju;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex takkorda it-talba tieghu ixxolji iz-zwieg tieghu permezz ta’ pronunzjament ta’ divorzju;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Jannar, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Awissu 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------